**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 23 TA' LULJU, 2001**

*Avviz. Nru 316/01 AJD*

The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra, kif lokalment rappresentata hawn Malta mill-agenti taghha Dingli Co. International Limited

vs

Al Convento Limited

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Mejju, 2001, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici hlas ta' Royalty fl-ammont ta' sbatax il-lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm17.25) kwantu ghal hmistax il-lira Maltin (Lm15.00) Royalty u zewg liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm2.25) Taxxa Fuq il-Valur Mizjud dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Numru 010497 (Dok. A) rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Al Convento Ristorante, ghall-perijodu mis-6 ta' Dicembru, 2000, sal-5 ta' Dicembru, 2001.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Avviz, dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar, 2001, u bl-imghaxijiet kummercjali fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-Prokuratur Legali Josette Attard in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara

li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sbatax il-lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm17.25) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR